***Ruling*** **mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 90 tas-6 ta' Marzu 2018 dwar imġiba u lingwaġġ mhux parlamentari**

*(Estratt mhux rivedut u mhux uffiċjali mit-traskrizzjoni tas-Seduta 90 tas-6 ta' Marzu 2018)*

**L-ISPEAKER:** Se nagħti *ruling* li ntalab ilbieraħ fil-ħin qabel ma ttieħed il-vot kostituzzjonali, fejn l-Onor. Alex Muscat talab lis-Sedja, u nikkwota:

> "Sur President, illum kellna laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li nippresjedi. Kellna laqgħa produttiva immens u anke ddiskutejna l-proġett marbut mal-estensjoni f'Bulebel fiż-Żejtun, imma se jkolli nirrapporta l-fatt li kelli l-Membru Parlamentari Marlene Farrugia li użat lingwaġġ dispreġġjattiv fil-konfront tas-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri.
>
> Se nitolbok li tisma' d-diskors li ntqal, tisma' eżattament il-kliem li ġie użat li, fl-opinjoni tiegħi, mhuwiex aċċettabbli f'dan il-Parlament. Nitlob lis-Sedja biex tagħti l-ġudizzju tagħha, tagħti r-*ruling* tagħha fuq il-lingwaġġ dispreġġjattiv li, sfortunatament, intuża."

Jien dak il-ħin irrispondejt li se nara t-traskrizzjoni u nisma' r-*recordings*, imbagħad nagħti r-*ruling* fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja semgħet u rat, u qrat ukoll it-traskrizzjoni tal-laqgħa kollha li saret ilbieraħ, laqgħa 5 tal-5 ta' Marzu 2018 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Nibda billi nagħmel referenza għal dak li ntqal lejn tmien il-laqgħa, fejn iċ-Chairperson qal hekk:

> **"**L-ewwel nett nirringrazzja lil kulħadd tal-attendenza tagħkom. Grazzi lil kull min ġie u ta l-kontribut tiegħu. Grazzi kemm lill-Ministru Cardona u lill-Ministru Herrera li kienu preżenti aktar kmieni u tawna spjegazzjoni anke dettaljata ta' dan is-sit u l-istorja tiegħu, u morna lura anke fiż-żmien. Qabel ma nagħlaq se nħalli lill-Ministru jagħmel ir-rimarki tiegħu mbagħad nagħlaq jien min-naħa tiegħi."

F'dan il-punt qamet il-kwestjoni kollha, fejn l-Onor. Marlene Farrugia nstemgħet tgħid il-kliem:

> "U aqtagħha ġbejna!"

Imbagħad, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri rreaġixxa billi qal:

> "Int qed tgħajjar lili ġbejna?**!**"

Bilfors ikolli nikkwota. Naf li dan jista' jnissel tbissima, imma dan huwa t-*text* kollu li wassal għal dan ir-*ruling*. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri kompla qal:

> "Int qed tgħajjar lili ġbejna! Int hawnhekk fil-Parlament qed toffendi lill-Għawdxin bil-kelma ġbejna!"

Is-Sedja rat il-bqija tat-traskrizzjoni kollha iżda tħoss li m'għandhiex għalfejn tidħol fid-dettall ta' dak kollu li ġara. Finalment, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri talab liċ-Chairperson tal-Kumitat, u nikkwota:

> "Sur President, jien nixtieq nagħmilha ċara u nirrispondi għall-kumment tagħha, fejn hi għajritni 'ġbejna', jiġifieri b'referenza ċara li qiegħda tgħajjar lill-Għawdxin!"

Hawnhekk l-Onor. Marlene Farrugia wieġbet:

> "Le, lilek qed ngħajjar mhux lill-Għawdxin!"

Is-Sedja rat ukoll l-Ordni Permanenti 60 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li s-Sedja tifhem li r-*ruling* qed jiġi mitlub *ai termini* tiegħu min-naħa tal-Onor. Alex Muscat, li jgħid:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja, tinnota wkoll li f'mument minnhom l-Onor. Marlene Farrugia rrispondiet lis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri u qaltlu li qed tgħajjar lilu u mhux lill-Għawdxin.

Is-Sedja rreferiet għal diversi *rulings* li tat f'okkażjonijiet simili u anke li ngħataw minn diversi Speakers preċedenti fil-kontest ta' kif tintuża kelma u l-intenzjoni tagħha. Pereżempju, nirreferi għar-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Nestu Laiviera, fis-Seduta 77 tas-6 ta' Lulju 1977, fejn għalkemm membru qali li Membru ieħor 'qed jgħix fil-qamar', il-mod kif qalha ma kienx bi ksur tal-Ordni Permanenti 60.

*Ruling* ieħor mid-Deputy Speaker Manuel Borda fis-Seduta 33 tat-3 ta' Novembru 1987, intalab dwar l-użu tal-kelma - forsi aktar *mild* - fejn kienet qed issir referenza għal Membru ieħor bħala 'injorant'. Is-Sedja dakinhar ddeċidiet li din il-kelma kellha tiġi rtirata.

Is-Sedja ovvjament mhux se tara kif id-dizzjunarju tal-Professur Aquilina jiddefinixxi l-kelma "ġbejna", għaliex ġbejna hija ġbejna, u hija prodott Għawdxi, u ovvjament dik hija l-oriġini; però, tista' tintuża f'kuntest b'referenza għal persuna li tista' kemm tkun qed tagħmillu kumpliment, iżda tista' wkoll ma tagħmillux kumpliment.

Is-Sedja rat ukoll ir-*ruling* tagħha mogħti fis-Seduta 22 tas-27 ta' Mejju 2013, fejn saret referenza għal-paġna 440 tat-23 edizzjoni tal-*Eskrine May* li jittratta diskors li għandu jkun aċċettat bħala *parliamentary language*, u nikkwota:

> "*Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language.*"

Minn dak li rat is-Sedja u mit-traskrizzjoni, m'hemmx dubju li fil-kuntest li nqtalet il-kelma "ġbejna" fil-konfront tas-Onor. Clint Camilleri, la kien hemm *good temper* u lanqas *moderation* min-naħa tal-Onor. Marlene Farrugia.

Għalkemm is-Sedja tifhem li kull Membru għandu jkollu d-dritt ħieles li jikkritika l-operat ta' kull Membru ieħor fil-ħidma parlamentari tiegħu, fl-istess ħin hija marbuta li tara li ma jintużawx kliem li huma offensivi, jew li jistgħu jkunu offensivi fil-konfront ta' xi membru tal-Kamra.

Is-Sedja rat ukoll ir-*ruling* li tat fis-seduta 279 tat-22 ta' Ġunju 2015 rigward il-lingwaġġ parlamentari, fejn hemmhekk irreferiet ukoll għal paġna 619 tat-tieni edizzjoni tal-*House of Commons Procedure* tal-Kanada, u nikkwota:

> *"In dealing with unparliamentary language, the Speaker takes into account the tone, manner and intention of the Member speaking; the person to whom the words at issue were directed; the degree of provocation; and, most importantly, whether or not the remarks created disorder in the Chamber."*

F'dan il-każ, waqt l-istadju ta' Kumitat, ċertament inqala' *disorder*, fejn naqas dak li wieħed isejjaħ *parliamentary language.*

Is-Sedja rat ukoll *ruling* li tat fis-Seduta 330 tat-23 ta' Novembru 2015 fejn kienet għamlitha ċar li ma tistax, u mhux se tippermetti, fl-ebda mument, li l-Kamra tad-Deputati jew xi Kumitat jiġi umiljat, u aktar u aktar, meta issa l-Parlament qiegħed jixxandar b'mod viżiv. Dan għaliex il-poplu tagħna jixraqlu Parlament li verament iservi bħala lok fejn isiru dibattiti serji minn persuni eletti biex jirrappreżentaw lill-poplu, u dak li jiġi diskuss ikun diskuss fl-interess komuni, però wkoll li jagħti ġieh lid-demokrazija parlamentari ta' pajjiżna. Kien għalhekk li s-Sedja għamlitha ċara li huwa importanti li fid-dibattiti fil-Parlament ikun hemm imġiba serja u xierqa mir-rappreżentanti tal-poplu, mhux biss fil-komportament tagħhom, imma anke bil-kliem li jingħad. Dan billi nosservaw l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u l-proċeduri stabbiliti mill-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Meta Membru jipprova jtella' t-tempra tad-dibattitu tal-Parlament ikun qed jagħmel nuqqas ta' ġieh lill-istess istituzzjoni meta huwa suppost fid-dover li jagħti l-eżempju lill-poplu fl-interess ta' pajjiżna.

Is-Sedja tkompli tirrerferi għal dak li ġie deċiż u rrimarkat fl-istess *ruling*, fejn saret referenza għal paġna 444, tal-24 edizzjoni tal-*Erskine May*, li jgħid:

> *"Offensive expressions against the character and conduct of Parliament itself are not permitted, since not only are they a contempt, but they may also tend to degrade the legislature in the public estimation. Reference in debate to either House of Parliament must therefore be courteous."*

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja qed tiddeċiedi li l-mod kif intużat il-kelma "ġbejna" fil-konfront tas-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ma kienx b'mod korrett skont l-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 60, u għalhekk qed titlob lill-Onor. Marlene Farrugia tagħżel kelma oħra, imma jekk jogħoġobha tirtira l-kelma "ġbejna".

**ONOR. MARLENE FARRUGIA:** Nirringrazzjak. Sur President, il-kuntest li inti iddiskrevejt f'din il-Kamra huwa l-kuntest mismugħ. Hemm lingwa oħra, li hija l-lingwaġġ tal-ġisem, il-*body language*. Dan il-kumment sar fil-kuntest fejn jien attendejt il-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ...

**L-ISPEAKER:** Onor. Marlene Farrugia, ħu paċenzja, mhux se niddiskuti miegħek. Jien sempliċement irrid nisma' mingħandek jekk wara li smajt ir-*ruling* li jien tajt, hux se tirtira l-kelma "ġbejna". Jekk trid tagħżel kelma oħra, għandek kull dritt. Però dik il-kelma, bil-mod kif għedtha u bil-mod kif saret waqt il-laqgħa tal-Kumitat, ma kenitx lingwaġġ parlamentari skont l-Odnijiet Permanenti. Se tirtiraha?

**ONOR. MARLENE FARRUGIA:** Fil-kliem kollu Malti li jien tgħallimt minn ċkuniti, f'dak il-kuntest, f'dak il-ħin u għal dik il-persuna, il-kelma "ġbejna" kienet l-aħjar kelma biex niddeskrivih!

**L-ISPEAKER:** Se tirtiraha l-kelma, jekk jogħġbok?

**ONOR. MARLENE FARRUGIA:** Le, mhux se nirtiraha!

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Mela issa s-Sedja tieħu l-passi li għandha tieħu fil-konfront tiegħek.